# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist. S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Dicembru, 2001**

**Numru 19**

**Cit. Nru. 166/93 GV**

**Carmelo Cutajar**

**vs**

**John Pace**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**<u>Ic-Citazzjoni attrici</u>**

1. B'citazzjoni l-attur jghid illi f'Ottubru tas-sena 1992 huwa kien xtara minghand l-appellant arlogg ta' l-idejn ta' l-irgiel versu l-prezz ta' Lm1500, liema ammont ta' flus l-attur kien hallsu mal-konsenja; illi sussegwentement kien irrizulta li l-istess arlogg kien ta provenjenza

illegittima u li kien gie elevat mill-pussess ta' terzi mill-Ispettur tal-pulizija Mario Calleja; L-attur jghid li huwa ma kienx jaf u li qatt ma gie nfurmat mill-konvenut li l-istess arlogg kien misruq jew mehud b'qerq minghand terzi; in vista tal-fatt li l-attur kien gie spussessat mill-arlogg, huwa talab lill-appellant jirrifondi l-ammont ta' Lm1500 li kien hallsu ta' l-arlogg; Peress illi l-appellant baqa' ma hallasx ghall-interpellanza lilu maghmula, ghalhekk l-attur talab illi dina l-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lura lill-attur is-somma ta' Lm1500 prevja dikjarazzjoni okkorrendo li l-arlogg in kwistjoni kellu fil-mument tal-bejgh provenjenza llegittima; Bl-ispejjez komprizi dawk ta' mandat ta' impediment ta' safar u mandat ta' sekwestru numru 196/93 u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

**<u>L-eccezzjonijiet tal-konvenut</u>**

2. Il-konvenut kien eccepixxa li t-talbiet attrici kellhom jigu respinti in vista tal-fatt li kienu nfondati kemm fattwalment kif ukoll legalment. Illi fid-dikjarazzjoni tal-fatti prezentati mill-istess konvenut flimkien ma' l-eccezzjonijiet huwa kompla spjega l-posizzjoni legali tieghu fejn qal li l-attur irid qabel xejn u fost affarijiet ohra jgib il-prova ta' l-identifikazzjoni ta' l-arlogg de quo u tal-provenjenza llegittima tieghu.

## Is-sentenza appellata

3. B'sentenza datata 29 ta' Ottubru, 1999, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u kwindi laqghet it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

## L-appell tal-konvenut

4. Il-konvenut hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u ghalhekk interpona appell minnha fuq l-aggravju li gej:-

> "L-ewwel Qorti qatt ma setghet tilqa' t-talba ta' l-attur kif imposta peress illi mhux biss fattwalment ma gietx ippruvata izda hija wkoll legalment infondata u nsostenibbli u dana ghar-ragunijiet li ser jigu elenkati hawn taht:-
>
> (i) Ghalkemm l-attur fil-premessi tac-citazzjoni tieghu jghid li huwa kien xtara l-arlogg in kwistjoni, mix-xhieda tieghu stess jirrizulta li dan ma kienx minnu. L-attur xehed li huwa kien biss agixxa ta' sensal bejn il-konvenut u terza persuna li kienet interessata fl-akkwist ta' arlogg u ghalhekk ma kienx huwa nnifsu li kien xtara dan l-arlogg; illi ghalhekk huwa ma setghax jintavola dina l-kawza b'dan il-mod – se mai kien imissu fetah il-kawza x-xerrej proprju cioe' min tassew kien suppost mar minn taht f'dan in-negozju u mhux l-attur qua sensal;
>
> (ii) Ma ngiebet ebda prova li l-attur f'xi zmien radt il-flus lura li kienu thallsu minnu – inoltre, anke jekk ghas-sahha ta' l-argument tali rifuzjoni saret, din ma kienetx a skapitu u pregudizzju tieghu izda ghal min kien tassew xtara l-arlogg fin-negozju mal-konvenut;
>
> (iii) Ma ngiebet ebda prova sodisfacenti li l-arlogg de quo kien tassew gej minn provenjenza llegittima; Inoltre jinghad ukoll illi li kieku l-konvenut kellu xi faham miblul dwar dan l-oggett ma

kienx ihalli lill-attur jiccekkjah ghall-affari tieghu ghal xi gimgha qabel ma kkonkludew in-negozju;

(iv) L-aqwa prova ghall-identifikazzjoni ta' l-arlogg in kwistjoni ma ngibietx f'dawn il-proceduri. Fl-fatt l-arlogg de quo ma giex esebit f'dawn il-proceduri. Tali prova kienet assolutament necessarja f'dan il-kaz in vista tal-fatt li fl-ewwel lok, il-konvenut kien qieghed jikkontesta l-fatt li l-arlogg muri lilu mill-Ispettur ma kienx l-istess wiehed meritu tan-negozju; u, fit-tieni lok, peress li huwa fatt pacifiku li certu arlogg dar l-idejn xi hames darbiet; In vista ta' dawn ic-cirkostanzi u in mankanza ta' tali oggett esebit, kif jista' wiehed jasal ghall-konkluzzjoni li l-arlogg li kien ghand l-ispettur kien fil-fatt l-istess arlogg li kien f'idejn il-konvenut.

(v) Tali nuqqas wassal ukoll biex ippregudika lill-konvenut fid-drittijiet processwali tieghu fis-sens illi b'ebda mod ma seta' jikkontrolla l-allegazzjoni ta' l-attur illi l-arlogg li kien ghand il-pulizija kien jew ma kienx fil-fatt l-istess arlogg li kienu nnegozjaw fuqu;

(vi) Illi minhabba tali mankanza, t-talba ta' l-attur qatt ma setghet tigi legalment akkolta peress illi l-oggett proprju meritu ta' l-istess talba ma jezistix fl-atti tal-process – lanqas ritratt tieghu ma gie esebit – lanqas ma gie esebit b'mod formali – lanqas biss deher fl-Awla tal-Qorti, lanqas meta xehed l-Ispettur Mario Calleja;

Ghaldaqstant l-appellant konvenut, filwaqt li jaghmel riferenza ghall-atti kollha tal-kawza u jirrizerva illi jaghmel osservazzjonijiet u provi ulterjuri li jkun hemm bzonn, jitlob bir-rispett illi s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 29 ta' Ottubru, 1999, fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi tigi revokata u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u kwindi tirrespingi t-talba attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur".

**<u>Ir-risposta ta' l-appellat</u>**

5. L-attur appellat wiegeb hekk:

"Illi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija gusta u ekwa u timmerita illi tigi konfermata;

Illi mill-provi li gew imressqa quddiem l-Ewwel Qorti l-attur irnexxielu jipprova dak li kien qieghed minnu jigi allegat u sottomess u l-fatti jaghtu ragun ghall-konkluzzjonijiet li waslet ghalihom l-Ewwel Qorti;

Illi ghaldaqstant l-esponent jitlob illi dina l-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat".

**Is-sentenza ta' din il-Qorti**

L-ewwel aggravju tal-konvenut hu dak li c-citazzjoni kif dedotta giet impustata hazin u dan ghaliex, skond hu, mix-xhieda ta' l-attur jirrizulta li l-arlogg de quo gie in realta' mixtri minn terz, jigifieri minn certu Mario Calleja u mhux mill-attur li kien biss is-sensal.

Il-Qorti, wara li ezaminat ix-xhieda sabet li effettivament dana l-arlogg dar hafna idejn – madwar hames persuni. Jibqa' pero' assodat il-fatt li originarjament kien hemm transazzjoni netta ta' bejgh bejn l-attur u l-konvenut – u hadd izjed – fejn ta' l-ewwel xtara arlogg mill-idejn minghand il-konvenut. L-uniku nuqqas ta' qbil sa hawn bejn il-kontendenti hu dwar il-prezz imhallas, billi l-attur jghid li hu ivversa lill-appellat Lm1,500, mentri l-appellant jghid li hu invece rcieva biss Lm1,400, jigifieri mitt lira anqas. Issa l-fatt li ftit wara jirrizulta li l-attur rega' ghadda dan l-arlogg lil Mario Calleja u li dan l-arlogg baqa' ghaddej minn kompratur ghal iehor sakemm spicca f'vetrina ta' hanut u wara elevat mill-Pulizija, ma jbiddilx il-fatt dwar il-bejgh fuq imsemmi.

7. L-appellant jissottometti li se mai l-appellat ma gabx prova li hu kellu jirrifondi l-flus li rcieva minghand t-terz dwar dan l-arlogg. Illi jekk wiehed jezamina sew pero' id-deposizzjoni ta' l-attur (ara fol 12), kif ghamlet din il-Qorti, issib li l-attur xehed li hu lanqas jghid li Mario Vella fil-fatt ghaddielu l-flus minkejja li kien beghlu u kkunsinnalu l-arlogg. Fil-frattemp indahlet il-pulizija u l-arlogg gie elevat minnha. Illi ghalhekk dana l-aggravju huwa wkoll infondat.

8. Il-bqija ta' l-aggravji jirrigwardaw l-evalwazzjoni tal-provi ta' fatt kif jemergu mix-xhieda prodotta – ezercizzju li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment riferibbilment ghal dak li tkun ikkostatat u ddecidiet l-Ewwel Qorti li quddiemha jkunu gew prodotti u mismugha l-provi.

Madankollu, lanqas jirrizulta fondat l-aggravju l-iehor li l-attur ma rnexxielux jipprova sodisfacentement li l-arlogg de quo kien tassew gej minn provenjenza illegittima. Hemm ix-xhieda mhux biss ta' l-attur imma wkoll dik ta' l-Ispettur Raymond Calleja li qal car u tond bla ma gie kontradett, li (fol 49 tal-process):-

> "Mill-investigazzjoni rrizultali li dan l-arlogg inbiegh xi sitt darbiet. Irrizultali li l-arlogg kien gie minghand John Pace……"

9. Illi huwa minnu li jirrizulta li l-arlogg de quo, u dana johrog mix-xhieda tal-Pulizija, gie ritornat lil sidu, certu Joseph Savona, u li bhala fatt qatt ma gie esebit fil-Qorti ghall-fini ta' identifikazzjoni. Din il-Qorti pero' tosserva li din il-prova lanqas ma kien hemm bzonnha min-naha attrici ghas-semplici raguni li l-konvenut appellant kien iddikjara bil-gurament flimkien man-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu (ara fol 9, para 3).

> "Illi l-arlogg in kwistjoni kien gie akkwistat u mibjugh minnu in buona fede".

U meta l-fatt tal-bejgh per se' m'huwiex qed jigi kkontestat xi htiega kien hemm li l-arlogg jigi identifikat?! Jekk imbaghad l-appellant rega' biddel fehmtu u beda in segwitu u fil-mori tal-kawza jiddubita jekk l-indagni kienetx baqghet issir dwar l-istess arlogg jew xi arlogg iehor, allura ifisser li kien jispetta lilu li jforni tali prova u mhux lill-kontro-parti. Del resto mill-provi ghandu jirrizulta ampjament li kien minnu li l-appellant biegh arlogg – wiehed biss – lill-appellat. Ghalkemm fl-affidavit tieghu l-appellant jikkoncedi li l-arlogg muri lilu mill-Pulizija "kien jixbah dak li kont innegozjajt ma' Cutajar", u kompla li "ma stajtx nikkonferma li fil-fatt kien l-istess wiehed", il-probabilita' u s-sens komun ghandhom juruk li si trattava ta' l-istess arlogg. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li minn dak li ddepona l-Ispettur Calleja ma jirrizultax li l-appellant qatt esprima mieghu xi dubbju dwar l-arlogg li gie elevat u muri lill-konvenut meta dan gie arrestat ghall-fini ta' investigazzjoni.

Illi ghalhekk isegwi li ebda wiehed mill-aggravji tal-konvenut appellant ma huwa fondat, la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenut bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Dep/Reg

mm